# ŻMIEN IL-MILIED FL-AĦĦAR TAS-SNIN ĦAMSIN F'ĦAL TARXIEN

Joseph C. Camilleri

## L-EWWEL XAQQ TAD-DAWL

**Jien twelidt fl-1953 u għamilt l-ewwel snin ta' ħajti noqgħod fi Triq Santa Marija, Ħal Tarxien. Din it-triq kienet ferm differenti milli hija llum. Iż-żona fejn hemm il-bandli u l-blokka tal-Kunsill Lokali kienet żewġ għelieqi kbar. Kif kienet tispiċċa waħda minn dawn l-għelieqi kien hemm passaġġ li jagħti għal Triq San Franġisk. Min-naħa l-oħra, Wara l-Bjut kien dejjaq u mimli binjiet fejn ir-raħħala Tarxiniżi kienu jżommu l-merħliet tagħhom tal-mogħoż. Fil-qalba ta' Wara l-Bjut kien hemm il-forn taz-ziju tiegħi Karmnu l-Gramm. Kien żmien sabiħ għalija, ommi ġejja u sejra għand il-ħanut tan-nanna Ġużeppa (In-Nuċa). Lin-nanna ma nafhiex iżda niftakar sewwa z-zija Lela bil-ħanut. Missieri kien xufier tal-linja. Konna noqogħdu ftit 'l isfel mill-kappella storika ta' Santa Marija.**

## IL-KNISJA PARROKKJALI TA' ĦAL TARXIEN

Il-kult tat-twelid tas-Sinjur tagħna Sidna Ġesù Kristu huwa qawwi fost it-Tarxiniżi. It-titular tal-Knisja arċimatriċi ta' Marija Annunzjata jitlob l-attenzjoni tagħna fuq it-twelid ta' Ġesù Tarbija. Il-knisja fiha diversi opri tal-arti marbutin mal-ġrajja tat-twelid barra mill-kwadru titulari. Il-kor tal-knisja fih żewġ opri kbar marbutin mal-istess storja. Dawn juru l-Wasla tal-Maġi u l-Ħarba lejn l-Eġittu. It-tnejn huma xogħol Ġużeppi Calì. Fis-saqaf tal-korsija tal-knisja hemm pittura turi t-Tieġ ta' Kana, xogħol Ġanni Vella.

Waħda mill-kappelli hija ddedikata lil San Ġużepp. Hawn naraw pittura tal-Familja Mqaddsa, xogħol Giann Nikol Buhagiar. Insibu wkoll il-figuri tal-Madonna flimkien ma' Ġesù Tarbija fl-inkwatri tal-artali tal-Karmnu, taċ-Ċintura u tar-Rużarju. Fis-sagristija hemm kwadru tal-Madonna b'Ġesù Tarbija, xogħol Piero Novelli. Mal-knisja hemm marbuta l-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Ix-xjuħ tar-raħal jgħidu li l-fratellanza tar-Rużarju ordnat il-lampier speċjali li jiddendel quddiem l-artal il-maġġur għan-novena tal-Milied. Dan fih disa' tazez żgħar u waħda kbira fin-nofs. It-tazez iż-żgħar jirrappreżentaw id-disat ijiem tan-novena. Dan il-lampier hu magħruf bħala l-Brimba. Fil-knisja arċimatriċi ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi hemm lampier ta' dan it-tip.

Barra minn hekk, il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien kellha mwaqqfa Sodalità ta' Ġesù Tarbija – Pia Fondazione Gesù Bambino. Din twaqqfet b'digriet tal-Isqof Alpheran de Bussan li jġib id-data ta' Settembru 1748. Sena wara l-istess isqof approva l-istatut tagħha. Din is-sodalità twaqqfet fuq l-artal ta' San Ġużepp fejn kien hemm niċċa tal-injam indurata u fiha kien hemm xbieha ta' Ġesù Tarbija tax-xema'. L-istudjuż tal-istorja Tarxiniża Joseph A. Farrugia jgħid: 'Wieħed għandu jifhem li dik ix-xbieha tal-Bambin tat bidu għal din is-sodalità. Din is-sodalità kienet torganizza quddiesa kantata li kienet tinkludi wkoll il-vespri tal-Milied. Din id-drawwa baqgħet ħajja sa ftit ta' snin ilu. Aktarx maż-żmien il-figura ta' Ġesù Tarbija nbidlet f'sottokwadru tat-Tfajjel Ġesù, aktarx xogħol ta' Franġisku Zahra".[1]



It-titular tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, xogħol il-pittur Pietro Gagliardi

Drawwa oħra Tarxiniża kienet li matul in-novena xbieha ta' Ġesù Tarbija kienet titpoġġa fuq l-artal ta' San Ġużepp. Joseph A Farrugia jikteb hekk: 'Il-membri tal-MUSEUM kienu jieħdu t-tfal tagħhom quddiem dan l-artal lejlet il-Milied biex quddiem dan l-artal ikantaw innijiet tal-Milied.'[2] Drawwa oħra li ħarġet minn moħħ Tarxiniż huma r-rigali tal-grotti u presepji li jingħataw lit-tfal tad-Duttrina. Għall-ewwel dawn il-grotti u presepji kienu jingħataw mill-fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina[3] iżda wara, San Ġorġ Preca addotta din id-drawwa billi xtaq li s-soċi, għall-Milied, jagħtu lil kull tifel u tifla grotta jew presepju żgħir bħala rigal tal-Milied.

Jiena l-ewwel ħoss tal-Milied kont nieħdu mill-iskola – xi lezzjoni fuq it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-ħwienet jibdew jarmaw għall-Milied. Niftakar sewwa l-ħanut ta' Johnnie tas-Santi. Dan kien fi Triq Ħal Tarxien, quddiem il-kappella ta' San Ġużepp. Johnnie kien jarma waħda mill-vetrini tiegħu bil-pasturi. Kellu stil fl-armar tal-pasturi. Kien ikun hemm fila Madonni, fila San Ġużeppijiet, fila Bambini, u l-bqija. Dan kien żmien meta kont nitla' fil-kamra li kellna fuq il-bejt fejn kien ikun hemm il-kaxxa tal-pasturi.

Wara l-*homework* kont niftaħ din l-imbierka ta' kaxxa biex nara l-istat tal-pasturi. Dawn kienu jkunu tat-tafal, ħlief il-Bambin u n-nagħaġ għaliex dawn kienu tax-xema'. Wara kont nara x'hemm fil-karus u naħdem u nikkontja kemm pasturi nista' nixtri. Missieri, li għalih il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira kienu l-aqwa festi, kien jagħtini xi ħaġa tal-flus. L-ewwel ġirja għand Johnnie tas-Santi u wara niżla sa Raħal Ġdid ma' missieri għand Ċelest. Dan Ċelest kien ħabib taz-ziju Ġuż u xi ħaġa kien jerħili.

Wara kien imiss min kien se jagħmel il-presepju. Dan kellu daqs preċiż billi kellu jidħol sewwa fil-persjana tal-kamra tas-salott. Fuq il-presepju kien hemm xena ta' Betlem u fuqha s-sema mimli anġli (jew aħjar puttini). Dawn kienu tal-karti. Wiċċ l-anġlu kien ikun l-istess iżda l-ġwienaħ kienu jkunu ta' lewn isfar, ċelesti jew roża. Missieri kellu l-injam il-garaxx li kien iservi ta' mejda li fuqu kien jistrieħ il-presepju.

## ĦASIL ID-DAR

Qabel żmien il-Milied, l-intrata u l-kamra tas-salott kienu jinħaslu waħda sewwa. Wara jiddendlu l-purtieri. Dawn konna narawhom tliet darbiet fis-sena – għall-Milied, għat-tberik u għall-festa tal-Lunzjata. Meta jitlesta l-presepju kont nimlih bil-pasturi. Xi palma ma kinetx tonqos u l-mitħna kien ikollha post speċjali wkoll. L-għar kien il-qalba tal-presepju. Kif kien kollox lest dritt għall-persjana. Jekk jista' jkun qabel ma tibda n-novena. Il-presepju kellu post ewlieni fid-dar tagħna. Milied bla presepju kien Milied mejjet. Sew il-familja ta' ommi u sew il-familja ta' missieri kienu jagħtu importanza lill-presepju.

Wara kien imiss li tintrama l-kamra tal-ikel. Missieri kien waħħal erba' msiemer, wieħed fuq kull rokna u minn dawn l-imsiemer kien jorbot qafla. Fuq il-qafla konna ndendlu l-karti ta' kull lewn, aħmar u aħdar kienu l-aktar ilwien li konna nużaw. Dawn iż-żewġ kuluri kienu magħrufa bħala l-ilwien tal-Milied. Flimkien mal-karti kien ikun hemm il-bżieżaq. Ma' wieħed mill-ħitan konna ndendlu karti mimlija lwien b'ittri ta' '*Merry Xmas*'.

## MAŻ-ŻMIEN

It-tiżjin tal-Milied żdied. Maż-żmien daħlet il-figura kbira tal-Bambin. Dan kien jintrama fuq is-senduq li kellna fl-intrata. Madwar il-Bambin kien ikun hemm sett ta' bozoz bojod u platt wara platt bil-ġulbiena.

Fis-salott żdiedet is-siġra tal-Milied. Għall-ewwel din kienet żgħira. Kien fiha tliet settijiet tad-dawl. Wieħed mis-settijiet kien magħmul minn lampi żgħar ta' tliet ilwien – aħmar, aħdar u isfar. Kien hemm sett ta' bozoz kbar b'xi stampa fuqhom. L-aħħar sett kien magħmul minn lampi qishom fanali. Min jixgħel min jitfi. Kienet ħaġa speċjali. Naħseb li aħna konna minn tal-ewwel li kellna din is-siġra tal-Milied f'Ħal Tarxien. Kien ikun hemm xi ġugarelli magħmulin mill-ħġieġ Ġermaniż. Kellna sett ta' għasafar, sett ta' lampi, sett ta' anġli u mitt ħaġa oħra. Fil-quċċata tas-siġra kien hemm stilla, kbira kbira mimlija kuluri. Jekk xi ħadd jgħaddi u jmiss xi ġugarelli dawn kienu jaqgħu fl-art u jsiru mitt biċċa. Fuq kollox konna nagħmlu l-*angel hair* bħallikieku s-siġra kienet barra u niżlet il-borra fuqha.

## IL-KARTOLINI

Ommi kienet tixtri tliet tipi ta' kartolini. Dawn kienu dejjem b'xena bil-Bambin. 'Dawn il-kartolini mhux tal-Milied huma? - mela bil-Bambin', kienet dejjem tgħid. Il-kartolini l-kbar kienu għall-membri tal-familja li kienu joqogħdu l-Awstralja. Il-Kanada u l-Ingilterra ma kellna lil ħadd. Il-kartolini tad-daqs tan-nofs kienu għall-għalliema tiegħi tal-iskola, għall-kap tal-iskola u għal xi ħbieb tal-qalba. Kienet tixtri wkoll kartolini qishom biljett tal-awguri. Dawn kienu jispiċċaw għal min kien jibgħat xi kartolini. Għal tal-familja li kienu joqogħdu Ħal Tarxien ma kienx hemm kartolini. 'Hemm l-awguri *a voce*', kienet tgħid ommi. Missieri

ma kien jibgħat l-ebda kartolina. Jekk kien jirċievi xi waħda m'għand xi ħadd, din kienet aktarx tispiċċa għandi biex niktibha.

## FIL-KĊINA QRIB IL-MILIED

Għall-Milied ommi kienet turi l-ħila tagħha fejn jidħlu l-kejkijiet. Naħseb li kienet tikkompeti ma' *Cordina* tal-Belt jew ma' ta' *London* li kellu l-ħanut tiegħu l-Furjana. Missieri kien isib ruħu fil-kċina jekk irid li xi darba jaslu dawn il-kejkijiet. Ommi kienet tagħmel tliet kejkijiet, tnejn minnhom għalina. Dawn kienu jkunu biex jekk jinqala' xi ħadd id-dar ikollna x'nagħtu. It-tielet wieħed kien għaz-zija Lela. Il-kejk taz-zija Lela kien l-ewwel wieħed li kien jispiċċa u rari kien jara d-dawl ta' jum il-Milied. Il-qagħaq tal-għasel u s-suflè konna nixtruhom.

Għall-ikla tal-Milied kien ikun hemm dejjem l-istess ħaġa. Id-dundjan ma kienx tajjeb għall-ikla tagħna. Għal ommi kien hemm dejjem il-ħasi li kien jispiċċa ġo borma kbira biex jagħmel il-brodu. Mal-ħasi kien hemm dixx patata u dixx ħaxix. L-għaġin kien dejjem makkarunelli bil-kapuljat taċ-ċanga u bajd iebes. Missieri kien dejjem ikun irid bċejjeċ kbar tal-laħam fl-għaġin. Għad-deżerta xi ġewż, lewż u tin kif ukoll suflè mingħand il-*London* tal-Furjana. L-ikbar suflè li kellu, kien jgħid missieri, biex iservi.

## MILIED BARRA MID-DAR

Meta kienet tibda n-novena kont immur il-knisja kuljum. Kont nieħu pjaċir nara lil Ġużeppi Dalli s-sagristan jarma l-knisja parrokkjali. Kien jarma damask aħmar sabiħ fil-kor tal-knisja. Ma niftakarx jekk kienx iniżżel il-linef tal-korsija u jarmaw id-damask fil-korsija. L-aktar ħaġa li kont nistenna kien il-lampier speċjali li kellu disa' lampi żgħar u lampa kbira fil-qalba tiegħu. Kull jum tan-novena Ġużeppi kien jixgħel waħda mil-lampi ż-żgħar.

L-artal ta' San Ġużepp kien ikun fih il-figura tal-Bambin. Dan kien għall-ewwel mgħotti b'biċċa damask isfar. Dan il-Bambin kien ikun imdawwar dawramejt bil-ġulbiena. Ma kontx nifhem kif Ġużeppi kien jirnexxilu jkabbar il-ġulbiena daqshekk twila. L-artal ta' San Ġużepp kien ikun miksi b'din il-ġulbiena.

## LEJLET IL-MILIED

L-aktar ħaġa li fiha konna naħsbu aħna t-tfal f'lejlet il-Milied kienet il-purċissjoni tal-Bambin. Billi din kienet tgħaddi mit-triq tagħna konna nippreparaw għaliha. Il-purċissjoni kienet toħroġ bil-figura ta' Ġesù Bambin mill-qasam tal-Mużew tas-subien. Kienet tiġbed lejn Triq Santa Marija. Minn Triq Santa Marija kienet tgħaddi għal Triq il-Knisja (li fl-imgħoddi konna nsibuha bħala Triq Irjali) u minn hemm tiġbed lejn il-knisja. Ommi kienet tkun fil-ġenna dik il-lejla maġika. Kienet tħobbha daqs il-festa tal-Lunzjata.



Iż-żjara tal-Maġi, xogħol Giuseppe Calì

Malli jidlam missieri kien ipoġġi d-dawl mal-gallarija tagħna. Kien jarma wkoll l-istilla mdendla mal-gallarija minn ġewwa. Il-bieb kien ikun miftuħ beraħ. Il-Bambin mixgħul u l-presepju mixgħul ukoll. Is-siġra tal-Milied kienet fil-kamra tas-salott u billi kienet ġejja minn drawwa Protestanta, kienet tintefa. Il-familja kienet tinġabar fuq l-għatba tal-bieb. Waqt li kienet tgħaddi l-purċissjoni ommi kienet tkanta xi għanja mat-tfal tal-Mużew u wara tħalli l-presepju u l-gallerija mixgħula u kulħadd għall-knisja. Konna naslu qabel it-tfal tal-Mużew. Konna nsibu post fil-kappellun tad-Duttrina (tal-Karmnu) u nattendu ċ-ċerimonja.

Il-knisja kienet tkun qisha l-ġenna. Id-dawl tat-tubi fis-saqaf jiddi fuq dak l-ambjent ħamrani tad-damask. In-nies puliti – festa, festa kbira għat-Tarxiniżi, u għalija kien ifisser xi ħaġa aktar. Il-Lunzjata u l-Milied huma ħaġa waħda. Il-pittura tal-kor, xogħol Ġużeppi Calì huma tifkira matul is-sena kollha li l-Milied għandu għeruq kbar fit-Tħabbira tal-Mulej.

Wara ċ-ċerimonja konna nħallu r-raħal biex naraw lin-nannu. Dan kien joqgħod iż-Żejtun. Konna nagħtuh xi ħaġa tal-ħelu u wara l-awguri tal-Milied konna nerġgħu lura r-raħal. Konna nistennew li jsir il-ħin għall-quddiesa ta' nofsillejl.

## IL-QUDDIESA TA' NOFSILLEJL

Id-dar ma kellniex televiżjoni. Għall-ħabta tal-ħdax konna nħallu d-dar. Il-gallarija kienet tkun għadha mixgħula. Il-presepju magħluq wara l-bieb tal-persjana. Konna mmorru lejn Raħal Ġdid biex naraw xi Bambini u presepji fit-twieqi u wara għall-knisja. Ommi u missieri kienu jsibu dejjem xi post viċin il-pulptu.

Il-quddiesa kienet f'idejn il-kappillan Dun Anton Rapa. Miegħu kien ikollu xi qassisin. Niftakar lil Dun Anton Zammit u lill-aħwa Sant. Wara l-evanġelju kien ikun hemm il-prietka tat-tifel. Dan kien ikun liebes ta' abbati u kien joħroġ minn wara l-artal maġġur. Kien isellem lis-sagrament u lill-kappillan u wara għal fuq il-pulptu. Meta jasal kien ineħħi l-berettin u jibda: 'Glorja lil Alla...'

Wara prietka li kellu jitgħallimha bl-amment kien jinżel minn fuq il-pulptu u kulħadd kien jgħid kemm kien bravu. Kemm studja. Kemm ħareġ ta' raġel. Li xi draba kellu jsir qassis. Wara ftit ta' żmien biex in-nies terġa' tieħu 'n-nifs' il-kappillan kien ikompli l-quddiesa.

## WARA

Wara l-quddiesa konna mmorru d-dar. Għal ommi l-għada kienet ġurnata kbira għaliex għall-ikel kien hemm iz-zija Lela, iz-ziju Ġuż, u Fredu u Marion il-kuġini. Kulħadd kellu jkun id-dar tagħna għal nofsinhar. Iz-ziju Ġuż ma kienx imur jara l-logħba tal-futbol tal-Milied fil-grawnd tal-Gżira. Ommi kienet kontra li huwa ma kienx ikun mal-familja għall-ikla tal-Milied. L-ewwel kien jiġi l-brodu tal-ħasi. Wara kien jasal l-għaġin. Il-patata, il-ħaxix, biċċa ħasi, u t-tadam kienu jifformaw il-platt ewlieni. Il-ġobon, il-lewż u l-ġellewż kienu aktarx jibqgħu fuq il-platt iżda s-suflè kien jittiekel kollu. Ikla twila bl-inbid u xi grokk tal-irqiq ma kienx jonqos.

## IL-KWARANTURI

L-għada tal-Milied ommi u jien konna mmorru l-knisja biex nagħmlu vista. Konna nsibu lill-knisja b'artal maġġur mimli daqs bajda bl-armar tal-gandlieri. Fin-nofs kien ikun hemm Ġesù sagrament. Ma niftakarx jekk kienx ikun hemm il-fjuri; jekk iva dawn kienu jkunu bojod. Wara l-kwaranturi kienet tasal l-Istrina. Jum ieħor maġiku. Konna mmorru ż-Żejtun biex in-nannu jagħtini l-istrina. Kien jagħmel fila minn kull munita li kien hawn f'dawk iż-żminijiet. Kull neputi u neputija kienu jingħataw l-istess ammont ta' flus. Jien kien ikolli kaxxa tal-injam li kien fiha toqba fejn kont nitfa' l-flus. Wara lura d-dar u kont immur nara z-zijiet. L-iskopijiet kienu tnejn, l-awguri tas-Sena t-Tajba u l-flus tal-istrina. Dan kien ifisser ġirja mar-raħal kollu. Fl-aħħar nett kont nispiċċa għand iz-zija Lela għaliex iz-zijiet l-oħra kienu jkunu hemm għal xi grokk. Meta kont nasal id-dar kont noqgħod bilqiegħda u niftaħ il-kaxxa. Kont ngħodd il-flus li qlajt. Dejjem kien ikolli xi somma kbira. L-ikbar ammont kien dak tal-parrinijiet. In-nannu u z-zija Lela kienu jagħtuni xi ħaġa speċjali għax kienu l-parrini tal-magħmudija. Din id-drawwa komplieha z-ziju Ġuż għaliex kien il-parrinu tal-Griżma.

## STORJA LI SPIĊĊAT

Mill-Milied ta' dari ħadt ħafna. Illum narma l-presepju d-dar. Għandi sett pasturi li huma għal qalbi. Narma l-Bambin bil-platti tal-ġulbiena. Narma s-siġra tal-Milied. Billi noqgħod barra mill-qalba tal-parroċċa ftit li xejn għadni nara l-purċissjoni tal-Bambin. Il-quddiesa tal-Milied inħobbha aktar u aktar għax il-kappillan dejjem jagħtina xi qagħaq tal-għasel. Ħaġa żgħira iżda tapprezza dan il-ġest. Missieri ilu jinsab f'dar il-Mulej u ommi marret din is-sena. Hemm ċertament jaraw il-Bambin u ċertament jagħmlu festa wkoll tal-Milied. Il-kartolini naqsu għaliex hemm l-*internet*. L-ikel tal-Milied sar id-dundjan, iżda s-suflè u dak il-grokk inkun irridu għal Jum il-Milied. L-ikla tal-Milied għadha ssir. Jalla dawn id-drawwiet jitkomplew fil-familja tagħna, kif tkomplew minn missieri u ommi. Forsi 'l quddiem ikolli ċ-ċans narma l-presepju ta' xi neputi jew neputija!

---

*Endnotes*

1 Farrugia Joseph A., *Il-Kappella ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*. Kunsill Lokali Ħal Tarxien. Settembru-Diċembru 2013, Volum 7 – Ħarġa numru 2.

2 Farrugia op cit.

3 Komunikazzjoni ta' Karmenu Massa, Mejju 2013. Is-Sur Massa hu mdaħħal fil-fratellanza tad-Duttrina.